**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Nicholas Muliet**
**-omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 776/2014**

**Illum, 11 ta' Marzu, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Nicholas Muliet, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 221095M

u

-Omissis-

Gew akkuzati talli nhar it-03 ta' Lulju 2014 ghal habta tas-0200hrs gewwa Paceville, San Giljan,

1. ikkommettew serq ta' handbag li kien jikkontjeni diversi oggetti fosthom *mobile phone* u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-Hin u bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.37 ghad-detriment ta' Svetlana Briffa u / jew ta' persuna / i ohra;
2. u aktar talli laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Lil Nicholas Muliet wahdu akkuzat talli b'hekk:

3. ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin moghtija lilu nhar l-20 ta' Marzu 2012 mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D.;

4. ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin moghtija lilu nhar it-23 ta' Mejju 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D.;
5. ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien sena moghtija lilu nhar l-20 ta' Mejju 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D.

Lil -Omissis-

6. -Omissis-

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata mill-imputat tal-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu – verbal tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) a fol. 24 tal-atti processwali;

Rat il-verbal tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn id-difiza talbet li jithejja *pre-sentencing report*;

Rat illi fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015), il-*Probation Officer* Joanna Farrugia pprezentat *pre-sentencing report* (Dok. JF1) fejn ix-xhud irrakkomandat dan li gej:

***"Konkluzjonijiet***

- ***Fatturi identifikati***

1. *Abbuz tad-droga - matul is-supervizjoni fuq l-ordnijiet ta' probation Nicholas Muliet issottmetta ruhu ghal numru ta' testijiet li rrizultaw fil-pozittiv ghal sustanzi illeciti. Jidher li Nicholas Muliet jabbuza mid-droga kannabis biss huwa wkoll gieli abbuza mill-kokaina u mill-ecstacy. Madanakollu huwa ma jammettiex ghal dan l-abbuz, fejn meta fit-test tal-15 t'April 2015 gie pozittiv ghall-kannabis huwa sostna li kienu shabu li qed ipejpu hdejh. L-imputat ghandu bzonn jammetti l-problema u jinidirizzaha.*

2. *Nuqqas ta' stabbilita' specjalment fil-qasam tal-impjieg. L-imputat ibiddel l-impjieg ta' spiss u ghad m'ghandux direzzjoni f'hajtu. Barra minn hekk, fil-maggor parti huwa jahdem xoghol minghajr ma jkun regolarizzat b'hekk ma jkollux sigurta' fix-xoghol.*

3. *Jirrizulta li minkejja li ghandu f'eta' zghira huwa diga' gie involut diversi drabi mal-Qrati tal-*

*Gustizzja Kriminali, fejn anke nghata diversi opportunitajiet mill-Qrati sabiex jirriabilita ruhu, fosthom zewg Ordnjiiet ta' Probation moghtija minn din l-Onorabbli Qorti. Biss huwa m'gharafx jisfrutta dan ic-cans u baqa' jippersisti f'imgiba refrettarja.*

- ***Pjan ta' kura***

*Nicholas Muliet ghandu bzonn jindirizza l-problema tad-droga b'mod serju fejn ghandu jammetti li ghandu problema u jingagga ruhu aktar fis-sezzjonijiet mal-Agenzija Sedqa, kif ukoll ghandu bzonn jistabilizza ruhu fid-dinja tax-xoghol. B'dan il-mod l-ikkoncernat ikun jista' jibda jaghraf jerfa' responsabbilta' tal-agir tieghu, bil-ghan li jghix hajja stabbli u jzomm 'il boghod mill-kriminalita'.*

***Rakkomandazzjoni***

*Ghaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni migbura kif ukoll in vista tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat, qed jigi*

*umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Nicholas Muliet jinghata piena ta' prigunerija effettiva."*

Illi l-istess *Probation Officer* Joanna Farrugia spjegat li hija rrakomandat prigunerija effettiva ghal tliet ragunijiet:

1. Ghaliex hemm il-ksur ta' tliet (3) Probation Orders,
2. Ghaliex ta' eta` zghira, l-imputat kien diga` involut mal-Qrati tal-Gustizzja u
3. Matul is-supervizjoni t-testijiet tal-urina rrizultaw pozittivi ghal sustanzi illeciti.

Rat illi fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Gunju, tas-sena elfejn u hmistax (2015), il-Qorti ordnat lill-*Probation Officer* Joanna Farrugia sabiex sad-differiment li jmiss isir Ordni Provizorja ta' Supervizjoni.

Illi permezz ta' rapporti datati hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar elfejn u sittax (2016) u tmintax (18) ta' Mejju elfejn u sittax

(2016), il-*Probation Officer* Joanna Farrugia rrakkomandat is-segwenti:

*'Ghaldaqstant jidher car li Nicholas Muliet mhuwiex qed jimpenja ruhu li jirriforma u mhuwiex qed jibbenefika mis-sorveljanza li qieghed tahtha. B'hekk ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation fil-Pre-Sentencing Report ipprezentat quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' Gunju 2015 li jinghata piena ta' prigunerija effettiva ghadha titqies bhala wahda adekwata.'*

Illi regghet xehdet il-*Probation Officer* Joanna Farrugia fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), kif ukoll fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn qalet illi minn dakinhar illi pprezentat *pre-sentencing report,* rat miljorament kbir fl-imputat u ghalhekk issuggeriet illi jekk l-imputat jibqa' kostanti b'dan il-miljorament hija kienet lesta li tikkunsidra rakkomandazzjoni alternattiva ghal dik suggerita originalment fil-*pre-sentencing report.*

Illi fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), id-difiza ddikjarat illi ser tipprezenta rikors sabiex din il-Qorti tigi kkonvertita fi *Drugs Court* ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Nonostante dan, fis-seduta tad-disgha u ghoxrin ta' Jannar (29) tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-Qorti spjegat illi ma hemmx ir-rekwiziti necessarji sabiex din il-Qorti tigi kkonvertita fi *Drugs Court*. Madanakollu, il-Qorti tat l-ahhar cans sabiex jigi reavviat il-*pre-sentencing report* min-naha tal-*Probation Officer*.

Illi fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), regghet xehdet il-*Probation Officer* Joanna Farrugia fejn qalet illi l-imputat kien rega' gie pozittiv ghat-testijiet tad-droga, fosthom tal-kannabis u tal-kokaina. Gie wkoll ipprezentat l-ahhar verzjoni tal-*pre-sentencing report* (**Dok. JF2** – a fol. 86) fejn rega' gie ssuggerit is-segwenti:

*'Ghaldaqstant fid-dawl tal-informazzjoni migbura kif ukoll in vista tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat, qed jigi*

*umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Nicholas Muliet jinghata piena ta' prigunerija effettiva'.*

Rat il-verbal tas-sbatax (17) ta' Settembru, elfejn u tmintax (2018) fejn saret trattazzjoni mill-partijiet fejn eventwalment il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja kif ukoll l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi l-Qorti nnutat li l-imputat inghata zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra l-ammissjoni tieghu stante li kien hemm

trapass ta' zmien bejn l-ammissjoni tieghu (seduta tad-9 ta' Marzu 2015) u s-seduta meta l-partijiet kkonfermaw li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza (17 ta' Settembru 2019).

Illi l-Qorti nnutat ukoll li l-imputat inghata hafna opportunitajiet mill-Qrati tal-Gustizzja sabiex jirriforma ruhu tant hu hekk li diga` kellu tlett *Probation Orders* in vigore fid-data meta wettaq ir-reati odjerni. Apparti dan il-Qorti tinnota li huwa rega' nghata l-opportunitajiet kollha sabiex jirriforma ruhu anke waqt il-proceduri odjerni fejn ghalkemm kien hemm rakkomandazzjoni ta' prigunerija effettiva da parti tal-*Probation Officer* il-Qorti ordnat li jkun hemm Ordni Provizorja ta' Supervizjoni. Minkejja dan l-imputat xorta wahda ma impenjax ruhu u ghalkemm jidher li ghamel ftit progress f'perjodu minnhom waqt l-andament ta' dawn il-proceduri dan il-progress kien *short lived.* Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex taghti sentenza ta' prigunerija effettiva izda biex forsi thalli lok li l-imputat jirriforma ruhu fil-habs mhix ser tghaddi biex tikkonverti l-Ordnijiet ta' Probation.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 (c) u (f), 267, 270, 279 (a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat Nicholas Muliet hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih hlief ghat-tieni (2) akkuza stante li hi alternattiva u tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti tordna li l-Ordnijiet ta' Probation inflitti fuq l-imputat u msemmija fl-akkuzi odjerni jergghu jibdew jiddekorru mill-gdid mil-lum.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**